MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 28 ta' Frar 2019**

Rikors Numru 183/18

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Nru 693/2018 fl-ismijiet**

**Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054)**

**vs**

**Walter Gialanze (ID 616744M)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-31 ta' Lulju 2018 fejn ir-rikorrent **Walter Gialanze** talab is-segwenti:

   *Illi l-esponenti qieghed jippreżenta dana ir-rikors ai fini tal-artikolu 466 tal-Kodiči ta Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Liğijiet ta' Malta) wara li gie notifikat bl-ittra ufficjali suriferita li permezz taghha is-socjeta' attrici interpellat lill-esponenti sabiex ihallas s-somma ta' hamest' elef u tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u disghin centeżmu (€5,023.92) rappreżentanti ta' bilanċ dovut lis-socjeta' ARMS Limited bhala servizzi provuti mis-socjeta' ARMS Ltd.*

   1. *Illi preliminarjament, jinghad li t-talba ghall-hlas kif dedotta fl-ittra ufficjali datata nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena kurrenti minn ARMS Ltd hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ammont dovut mir-rikorrenti, b' dan illi ma thallew ebda hlasijiet pendenti, u ghalhekk l-ammont reklamat qieghed jigi kkontestat;*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi l-ittra uficcjali bin-numru 693/2017 hija nulla stante' li r-rikorrenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, in vista tal-fatt illi l-kont tad-dawl u l-ilma huma registrati fuq il-kumpanija li tiggestixxi n-negozju, ossija W Gees Chemicals Ltd (C-12057) u mhux favur ir-rikorrenti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi is-socjeta' ARMS Ltd ma specifikatx ghal-liema perjodu qieghed jigi ndikat il-konsum imsemmi;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti jirrileva illi l-hlas kif mitlub mis-socjeta' attrici huwa milqut mill-preskrizzjoni ai termini tal- artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) stante' li dan ikopri perjodu li jmur oltre minn hames (5) snin, u ghalhekk l-ammont reklamat mis-socjeta' ARMS Ltd ma huwiex dovut u dana stante li dina l-kumpanija ilha ma topera ghal diversi snin;*

5. *Illi ghaldaqstant, l-ammont reklamat mis-socjeta' intimata mhuwiex cert, likwidu u wisq inqas dovut hekk kif qieghed jigi ivvantat;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba ta' ARMS Ltd f'isimha propju u ghan-nom tal-Enemalta p.l.c u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bhala wahda infondata u dan previa kull proveddiment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jkun jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra s-socjeta' attrici.*

2. Ra ir-risposta ta' l-intimata socjeta **Automated Revenue Management Services Ltd** ippresentata fit-28 ta' Awissu 2018 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   1. *Illi, preliminarjament, kif jidher fuq, din ir-risposta qed issir biss f'isem Automated Revenue Management Services Limited u mhux ukoll ghan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc u I-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif filfatt giet intavolata l-ittra uffiċjali promotorja bin- numru 693/2018. (Emfasi tas-sottoskritt);*

   2. *Illi dan qed jinghad peress li r-rikors biex tigi kontestata l-imsemmija ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, gie maghmul biss fil-konfront tal-Automated Revenue Management Services Limited u ghalhekk kontestat biss fil-konfront tal-istess Automated Revenue Management Services Limited u mhux kontestata fil-konfront tal Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk illum dawn ta' 1-ahhar diġa ghandhom titolu eżekuttiv permezz ta' l-istess ittra uffiċjali stante, li ż-żmien li fih setghet tigi kontestata l-istess fil-konfront ta' dawn ta' 1-ahhar, issa skada;*

3. *Illi, sad-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali bin-numru 693/2018, l-ammont pendenti fuq il kont bin-numru 101000186238 u li hu relatat mas-servizzi moghtija fil-fond bl-indirizz W Gees Chemical M12, Sqaq L-Ghadam, Birkirkara kien ta' hames t'elef, u tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€5,023.92) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma imghax dovut skont il-ligi, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti;*

4. *Illi, nonostante dak eccepit mill-intimat-rikorrent, il-kont bin-numru 101000186238 huwa effettivament intestat fuq Walter Gialanze u mhux fuq W Gees Chemicals Ltd, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi, ghalhekk, la darba l-kont bin-numru 101000186238 baqa' instestat fuq ir-rikorrent, huwa baqa responsabbli ghall-istess, inkluz ghall-hlas ta' kull pendenza fuq il-kont;*

6. *Illi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 2156(g) hija inapplikabbli fil-kaz odjern;*

7. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent, s-Socjeta' intimata umilment tirrileva li din ghandha tigi michuda, stante li ghadu attiv:*

8. *Ghaldaqstant b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, s-Socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrent bhala minghajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficcjali numru 693/2018 ppreżentata ai termini tal- Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti.*

## 2. Provi

1. Rat illi fit 2 ta' Awissu 2018 ir-rikorrent ppresenta serje ta' dokumentazzjoni, ossija numru ta' kontijiet u sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Marquita Sheheain-Azzopardi vs W. Gees Chemicals Limited' datata 30 ta' Jannar 2018.

2. Rat illi fid 29 ta' Ottubru 2018 il-Bord ikkancella l-kawza wara illi r-rikrorent naqas milli jidher ghal zewgt seduti konseguttivi.

3. Rat illi fit-30 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent reggha talab illi tinstema l-kawza, liema talba ntlaqghet fl-1 ta' Novembru 2018.

4. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2018 ir-rikorrent ippresenta certifikat mediku mhux mahluf u datat 29 ta' April 2013 (fol 70).

5. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2018 ir-rikorrent iddikjara ili ma kellux aktar provi x'jippresenta.

6. Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici**, rappresentant tas-socjeta ARMS Limited, moghtija fil-15 ta' Novembru 2018, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

7. Semghet ix-xhieda ta' **Walter Gialanze** prodott mis-socjeta intimata u moghtija fl-10 ta' Jannar 2019.

8. Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Reuben Bonnici moghtija fl-10 ta' Jannar 2019.

9. Rat illi fl-10 ta'Jannar 2019 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

10. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijet moghtija fl-14 ta' Frar 2019, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum.

**3. Konstatazzjonijiet**

1. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi l-provi prodotti mir-rikorrent kienu virtwalment inesistenti, fejn kull ma ghamel huwa li esebixxa kopja ta' tlett kontijiet datati 22 ta' Gunju 2006 (fol 18), 22 ta' Marzu 2006 (fol 19) u 4 ta' Novembru 2010 (fol 20), lkoll intestati "Walter Gialanze, W Gees Chemicals M12, Triq l-Ghadam, Mriehel", kif ukoll sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili nru 391/13 fl-ismijiet 'Marquita Sheheain-Azzopardi vs W Gees Chemicals Limited' deciza fit 30 ta' Jannar 2018, illi ma ghandha ebda konnessjoni mal-kaz odjern.

2. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi, ghajr illi ppresenta certifikat mediku ta' Dr Stephen Spiteri datat 29 ta' April 2013 fejn jghid "*This is to certify that Walter Gialanze has been suffering from depresion/anxiety over the last eight months due to social problem mainly loss of work*", r-rikorrent ma xehedx fil-proceduri odjerni ghajr bhala xhud ta' l-intimat fejn ikkonferma illi huwa qatt ma kkomunika mas-socjeta intimata dwar il-kont meritu tal-kawza odjerna. (fol 87).

3. Jirrizulta, mill-provi prodotti mill-intimata socjeta ARMS Limited, illi l-kont tad-dawl u ilma li ghandu n-numru 101000186238, jghattat lir-rikorrent Walter Gialanze, u l-ahhar pagament illi sar kif fl-14 ta' Novembru 2012, fejn sar pagament ta' €250. (fol 80)

4. Jirrizulta illi minn dakinhar, ma sar ebda pagament, ghalkemm kontijiet baqghu jinhargu regolarment.

5. Jirrizulta illi s-socjeta intimata ARMS Limited baghtet l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna fl-14 ta' Marzu 2018, izda ma jirrizultax jekk qabel tali data l-istess socjeta qatt baghtet xi interpellazzjoni gudizzjarja ohra.

6. Jirrizulta, illi ghalkemm ir-rikorrent indika erronjament l-Artkolu 2156 (g) tal-Kap 12, parti mis-somma mitluba mis-socjeta intimata hija milquta mill-periodu preskrittiv ta' hames snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 12.

7. Jirrizulta, di fatti, illi l-ammonti kollha dovuti sa qabel l-14 ta' Marzu 2013 huma milquta mill-periodu preskrittiv ta' hames snin.

8. Jirrizulta, ghalhekk, illi mill-ammont ta' €5,023.92 illi kien ikopri l-kontijiet dovuti sa' l-ahhar invoice tal-11 ta'Dicembru 2017, irid jitnaqqas l-ammonti dovuti sa qabel l-14 ta' Marzu 2013, ossija €1,052.96, filwaqt illi l-bilanc ta' €3,970.96 ghadu dovut.

9. Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrent ma gab ebda tip ta' prova in sostenn tal-fatt illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, u anzi jirrizulta, mill-kontijiet u dokumentazzjoni ppresentati mis-socjeta intimata, illi l-kntijiet lkoll jsejjhu lir-rikorrent Walter Gialanze **personalment**

filwaqt illi s-socjeta W Gees Chemicals Limited illi huwa jallega li fuqha huma registrati l-kontijiet, hija biss indikata fl-indirizz, u ma hemm ebda indikazzjoni illi r-rikorrent qieghed indikat fil-kontijiet ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta W Gees Chemicals Ltd.

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrenti limitatament, u dana billi

**Tiddikjara** li l-azzjoni tas-socjeta intimata fir-rigward tal-hlasjiet li huma dovuti sat-13 ta' Marzu 2013 fuq il-kont numru 101000186238, fl-ammont ta' elf, tnejn u hamsin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,052.96), huma preskritti skond l-artikolu 2156 (f);

filwaqt illi

**Tiddikjara** li l-azzjoni tas-socjeta intimata fir-rigward tal-hlasjiet li huma dovuti mill-14 ta' Marzu 2013 'l quddiem fuq il-kont numru 101000186238, fl-ammont ta' tlett elef, disa mija u sebghin Euro u sitta u disghin centezmu (€3,970.96), ma humiex preskritti skond l-artikolu 2156 (f), u ghalhekk tali ammonti ghadhom dovuti u ghalhekk,

**Tiddikjara** l-effetti tal-Ittra Ufficjali Nru 693/2018 fl-ismijiet 'Automated Revenue Management Services Ltd vs Walter Gialanze' enforzabbli fil-konfront ta' l-istess Walter Gialanze limitatament fl-ammont ta' **tlett elef, disa mija u sebghin Euro u sitta u disghin centezmu** (€3,970.96).

In vista ta' tali konkluzjonijiet, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur